**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta' Marzu 2021**

Rikors Numru: 421/20 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1210/2007)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi hija żżewġet lill-intimat C D fit-tnax (12) t' Awwissu tal-elfejn u sebgħa (2007) kif juri ċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness bħala Dokument A.

2. Illi sa' minn qabel dan iż-żwieġ, il-kontendenti kellhom bint, E, li llum hija maġġorenni stante li twieldet fit-tmienja (8) t' Awwissu tal-elfejn u wieħed (2001).

3. Illi llum huma sseparaw de facto fl-2015, u ċioe aktar mill-erba' snin rikjesti mill-liġi tad-divorzju, u minn dak iż-żmien 'l hawn huma qed jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin.

4. Illi sussegwentement il-partijiet isseparaw legalment u xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Isabelle Gonzi tal-għoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), kopja awtentikata tal-istess kuntratt qed tiġi hawn annessa bħala Dokument B.

5. Illi r-rikorrenti tiddikjara li filwaqt li l-partijiet m'huma obbligati jħallsu ebda manteniment lil xulxin, l-intimat dejjem ħallas il-manteniment dovut għal binthom puntwalment u m'hemm ebda pendenza f'dan ir-rigward.

6. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li l-partijiet jirrikonċiljaw.

7. Illi l-fatti kif hawn fuq msemmija fuq elenkati jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet

2. Tordna lid-Direttur tal-Qrati sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jirreġistra tali divorzju fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Jannar 2021;

Rat illi l-intimat prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti wiegeb li m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat l-partijiet ilhom separati de facto sa' mill-elfejn u ħmistax (2015) u ilhom legalment separati mill-20 ta' Frar, 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.